MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2014

Citazzjoni Numru. 104/2013

**A B C**
**vs**
**L-Avukat Yana Micallef Stafrace u l-Prokuratur Legali Pauline Mallia li permezz ta' digriet datat 9 ta' Lulju 2013 gew nominati kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti D E F**

**Il-Qorti,**

**PREAMBOLU**

Rat ir-rikors guramentat, ipprezentat fil-wiehed u tletin (31) ta' Mejju 2013 li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi hu kien izzewweg lill-assenti Lulia E F fit-23 ta' April 2011 skond ic-certifikat anness mar-rikors;

2. Illi miz-zwieg ta' bejniethom ma kellhomx tfal;

3. Illi l-kunsens tal-partijiet ghaz-zwieg imsemmi kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha;

4. Illi sussidjament l-kunsens tal-intimata inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew ghall-att taz-zwieg;

5. Illi ghalhekk iz-zwieg ta' bejn il-partijiet hu null u invalidu ghall-finijiet u effetti tal-ligi;

Talab lil din il-Qorti sabiex:

i. Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg ta' bejn il-partijiet tat-23 ta' April 2011 jigi dikjarat null u dan skond id-disposizzjonijiet tal-artikolu 19 (1) (d) u/jew 10 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra l-intimata li hi minn issa ingunta in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda ta' l-attur;

Rat l-elenku tad-dokumenti pprezentati;

Rat id-digriet idattat[1] 9 ta' Lulju 2013 li permezz tieghu L-Avukat Yana Micallef Stafrace u l-Prokuratur Legali Pauline Mallia gew innominati bhala kuraturi ghall-finijiet kollha tal-ligi;

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati li eccepixxew:

1. Illi hemm bzonn precizazzjoni fit-talbiet rikorrenti;

2. Illi huma m'humiex edotti mill-fatti u ghalhekk qeghdin jirriservaw id-dritt li jippresentaw risposta motivata f'kaz u jekk jigu edotti mill-fatti.

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati;

Rat li fil-verbal tal-udjenza tat-30 ta' Jannar 2014[2] il-kuratur iddikjara li stante li ma kien hemm l-ebda kuntatt mal-assenti mhux ser taghmel kontro-ezami lill-attur li ddikjara li ma ghandux dettalji ta' fejn jista' jikkuntattja lill-konvenuta;

Rat l-atti kollha tal-process inkluz l-affidavits;

Semghet ix-xhieda viva voce[3];

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet ta' l-attur[4];

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkonsidrat;

**Provi**

[1] Fol. 4
[2] Fol. 40
[3] Fol. 43 - 46
[4] Fol. 47

Mill-provi mressqa jirrizulta li l-attur izzewweg lil Lulia ta' nazzjonalita' Ukraina, fir-Registru Pubbliku ta' Malta, u dan minghajr ma kien informa lanqas lill-genituri tieghu. Sussegwentement marru joqghodu mal-genituri tieghu li kienu jippruvaw jaghmlu minn kollox sabiex jarawha kuntenta ghax kienet dejjem tgerger. Wara incident li nqala darba, waqt wedding reception, l-intimata telqet mid-dar, ghamlet rapport lill-pulizija u b'hekk spiccat il-hajja matrimonjali tal-partijiet. Wara dan sar jaf li l-konvenuta telqet lura lejn pajjizha.

L-attur xehed permezz ta' affidavit u viva voce. Jghid li l-partijiet kienu ltaqghu online fuq l-internet u xahar wara ftehmu u ltaqghu l-Polonja f'Jannar 2011. Halsilha l-passagg u giet Malta u ddecidew li jizzewgu. Xi sitt gimghat qabel izzewgju, waqt li kien qed jipprepara d-dokumenti ghaz-zwieg, skopra li l-konvenuta kienet armla.

Jghid li l-jum tat-tieg, 23 ta' April 2011, kien jum bhall-ohrajn, mar ix-xoghol - 'The marriage ceremony at the public registry was very private. My parents did not attend and after the ceremony we did not have any reception. On the same day I went to work my usual night shift. My extended family did not know that I was married. They thougth that Lulia was my girlfriend. We never married in church.'

Fiz-zwieg jghid li martu qatt ma ppruvat tissetilja - 'kienet fuq aspett negattiv hafna, li ma kienx jidher qabel;' Kienet tilmenta dwar kwazi kollox - it-temp u l-ikel ta' Malta, 'tmur is-supermarket u ma ssibx affarijiet li hi kienet issib normali f'pajjizha'[5] u ma kien joghgobha xejn - Malta ghalija kienet 'stupid Malta'. Jghid li wara kollox 'Lulia came to live in my parent's house since she thought that the flat was inadequate.'

L-attur thabat sabiex isib xoghol ghal martu 'I took Lulia to several shops to find a job. A shop owner accepted her and started to work voluntary.'.........I started to pay for her driving lessons and also paid for her medical examinations.' Sa anke hallsilha sabiex izzur il-familjari taghha f'Ukraine, ta l-Bank visa biex tuzaha u 'When she came back I found out that she had used up a considerable amount of money.' Sussegwentement fethilha bank account f'isimha.

Jghid li Lulia suffered from a sexual disease. She had not told me before the marriage about her condition........and with her condition I was very much afraid of what can happen........'

Fix-xiehda jirreferi ghall-incident meta spiccat il-konvivenza tal-partijiet u dan kien f'Dicembru 2011 tmien xhur wara li zzewwgu. Kienu go wedding reception u martu xorbot u hu telaq lejn id-dar. Ftit wara wasslu l-genituri tieghu maghha u riedet titlaq ‘il barra u l-genituri tieghu ssiltu maghha u ma hallewiex titlaq, pero’ xorta telqet. Wara spiccat fi klinika u ghamlet ukoll rapport dwar vjolenza lill-pulizija.

Wara dan sar jaf li l-intimata kienet telqet minn Malta u qatt ma sema' biha aktar.

**Omm l-attur** tixhed permezz ta' affidavit[6]. Tghid kif saret taf f'daqqa wahda li binha, li kien l-uniku wild fil-familja, kien ser jizzewweg: 'It-tifel qalilna li kienu diga ddecidew x'ser jaghmlu u li ma kienx ser ibiddel fehmtu. Qalli ukoll li kienu ser jghixu

[5] xhieda viva voce attur Fol. 44
[6] Fol. 6

maghna.........minkejja li ma konniex kuntenti b'din id-decizjoni li fl-opinjoni tieghi kienet mghaggla accettajna z-zwieg u li jigu joqghodu maghna.'  Tikkonferma li ma kienetx prezenti meta zzewgu bir-Registru u ma sarx riceviment.

Dwar il-hajja konjugali tghid li 'it-tifel kien jahdem bil-lejl u l-konvenuta kienet tahdem bhala hairdresser' u partikolarment dwar l-attitudini tal-intimata tghid 'Kienet il-hin kollu tmaqdar, tghid kontra Malta........Hi kienet tgerger ma joghogobha xejn, d-dar ma kienet taghmel xejn…..'Fl-opinjoni tieghi l-konvenuta qatt ma dehret li riedet tghix ta' mizzewga u jiena qatt ma stajt nifhem ghalfejn zzewget.'

Ix-xhieda ta' **missier l-attur** hija simili ghal dik ta' l-omm, imma jzied kif l-intimata kienet tirrifjuta li jitiehdulha ritratti u lanqas kienet riedet li l-genituri taghha jiltaqgha maghhom; fil-fatt vakanza lejn il-Polonja kellha tigi imhassra b'konsegwenza li tilfu l-flus li hallsu ghall-biljetti ta' l-ajru.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

**L-Azzjoni**

L-attur fil-premessi tieghi qed jitlob li z-zwieg tieghu mal-konvenuta jigi dikjarat null ghaliex l-kunsens tal-partijiet ghaz-zwieg imsemmi kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha u ghaliex il-kunsens tal-intimata inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew ghall-att taz-zwieg u  dan ai termini tal-artikolu 19 (1) (d) u/jew 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Artikolu 19 (1)** jipprovdi illi:

B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skont xi disposizzjoniji ohra ta' dan l-Att, zwieg ikun null:

(d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

- omissis –

(f) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

Ikkunsidrat;

**Artikolu 19 (1) (d)**

Biex l-azzjoni tirnexxi a bazi tas-sub inciz (d) trid qabel xejn issir il-prova li l-kunsens tal-partijiet, jew ta' wiehed jew wahda minnhom, kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta'

gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga..

Fil-kawza "**Atkins Charles vs Atkins Matilde**" (P.A. 2ta' Ottubru 2003) inghatat spjegazzjoni dettaljata ta' xi jfisser dan l-Artikolu u xi jrid jigi pruvat sabiex it-talba attur tigi akkolta.:

"Il-kuncett tad-discretio judicii ma jirrikjediex maturita' shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cioe' ghall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva u cioe dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozzjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mill-ligi....Il-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li taghmilhom kapaci jirriflettu fuq l-obbligi, id-drittijiet u r-responsabbilitajiet li ggib maghha l-hajja mizzewga u jkunu ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja matrimonajali taghhom.

Issir referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet "**Borg Cachia Melanie vs Borg Joseph**" (P.A. 29 ta' Mejju 2003) "Il-persuna li tat il-kunsens trid tkun qed issofri minn immaturita' affettiva jew semplici njoranza. B'dan l-artikolu, il-legislatur ma riedx ifisser sempliciment kwalisiasi stat ta' immaturita' fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku, izda dan in-nuqqas tad-discretio judicii huwa kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg. Il-gurisprudenza nostrana ssegwi din l-interpretazzjoni - ghalhekk id-difett irid ikun wiehed serju fil-fakolta' kritiko-estimativa tal-parti, difett li wiehed jevalwa u jifhem u jassumi dawk li huma d-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg, jew li jevalwa u jifhem x'inhu z-zwieg u l-hajja mizzewga.

Fis-sentenza "**Alessandra sive Sandra Mc Monagale qabel Mamo vs Mario Mamo**" (P.A. 26 ta' Ottubru 2000) ikun hemm id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fis-sens ta' l-ewwel parti tal-paragrafu (d) imsemmi kemm-il darba jirrizulta li, "fil-mument tal-ghoti tal-kunsens parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta kritikoestimattiva jew kritiko-valutattiva dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita' affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, ghalhekk ma hux sempliciment nuqqas ta' hsieb, nuqqas ta' riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizjonijiet zbaljati - in fatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettament kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju. Anqas ma jfisser li ghax ikun hemm element ta' indecizjoni jew dubju dwar ghazla tal-istat ta' hajja, dana huwa necessarjament dovut ghal nuqqas (serju) ta' diskrezzjoni ta' gudizzju. Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif ravvizat fl-Artikolu 19 (1) (d) irid ikun hemm l-inkacapita psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti u li jiddeciedi liberament, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali." (ara **Emmanuel Camilleri v. Carmen Camilleri"** P.A., 10 ta' Novembru 1995)

Kif gie ritenut imbaghad fil-kawza "**Janet Portelli v. Victor Portelli**" (P.A. 14 ta' Awissu 1994) "It seems that discretion of judgement or maturity of judgement can be lacking, if any one of the following three conditions or hypothesis is verified: (1) when sufficient intellectual knowledge of the object of consent to be given in entering marriage is lacking (2) when the contracting party has not yet reached a sufficient amount of reflection that is proportionate to

the conjugal affair, that is a critical reflection apt for the nuptial; (3) or finally when either party contracting marriage is deprived of internal freedom, that is, that capacity to deliberate with sufficient weighing of the motives and, on the part of the will, freedom (autonomia) from all force from within."

Fil-kawza **Tonna vs Tonna** (Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza fil-31 ta' Jannar 1996 dwar id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju intqal li "dan irid jirrizulta li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta kritiko-estimattiva jew kritiko-valutattiva dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita' affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. B'immaturita' affettiva wiehed, naturalment, ma jifhimx sempliciment nuqqas ta' effett lejn persuna partikolari jew nuqqas ta' gibda lejha jew nuqqas ta' mhabba.'

“**Anna Tonna vs Alexander Tonna**” deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta’ Novembru, 1991:-

"….li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkunx irriflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga, ma jammontax necessarjament ghal difett (serju) ta' diskrezzjoni ta' gudizzju" B'immaturita' affettiva wiehed, naturalment, ma jifhimx sempliciment nuqqas ta' effett lejn persuna partikolari jew nuqqas ta' gibda lejha jew nuqqas ta' mhabba.'

Fil-kawza **Tonna vs Tonna** (Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza fil-31 ta' Jannar 1996 dwar id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju intqal li "dan irid jirrizulta li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta kritiko-estimattiva jew kritiko-valutattiva dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita' affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett.'

**Ikkunsidrat:**

Applikati l-principji legali enunzjati aktar qabel ghall-kaz in dizamina l-Qorti hi tal-fehma illi il-kunsens taz-zewg partijiet kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga. Tlett xhur biss wara li saru jafu lil xulxin il-partijiet izzewgu u din id-decizjoni, johrog car, li ittiehdet arbitrarjament, minghajr ebda preparamenti, riflessjoni jew hsieb. L-intimata lanqas biss kellha c-cans tidra il-kultura Maltija u tara taqbilx maghha b'rizultat li wara z-zwieg, kienet tgerger u tikkritika kollox. Id-decizjoni l-attur hadha, kif jammetti hu fl-affidavit tieghu, bi sfida ghal tort li sofra mit-tfajla li kien precedentement gharus maghha li f'sitt xhur wara li spiccat ir-relazzjoni tieghu maghha zzewget terz.

It-tieg ma inghata l-ebda importanza - l-attur mar ghax-xoghol bhas-soltu, il-genituri tieghu lanqas biss gew infurmati u ma sar l-ebda riceviment. Wara z-zwieg l-attur baqa jahdem xoghol ta' bil-lejl u dan il-fatt ma tantx ghen sabiex tigi stabbilita' relazzjoni matrimonjali. Sadinitant, bil-lejl, l-intimata kienet tohrog ma’ shabha.

Iz-zmien qasir bejn id-data taz-zwieg u s-separazzjoni tal-partijiet, appena tmien xhur, hija wahedha indikazzjoni illi l-partijiet m’gharfux l-obbligi taghhom bhala mizzewgin fil-mument li taw il-kunsens ghaz-zwieg. Mill-provi imressqa jirrizulta illi l-konvenuta sabitha f'diffikultajiet sabiex taddatta ruhha ghall-hajja f'Malta kif ukoll ghall-hajja mizzewga. Minn naha l-ohra l-attur jghid li kien ghadu kemm hareg minn relazzjoni ohra.

Il-provi mressqa juru illi z-zewg partijiet kienu immaturi meta ddecidew li jizzewgu. Il-ftit gimghat li ghaddew bejn li ltaqghu l-ewwel darba u d-decizjoni li hadu li jizzewgu lil xulxin huma evidenza ta’ nuqqas ta’ maturita’ kbira illi impediet lill-partijiet milli jaghrfu l-impenn matrimonjali li z-zwieg jimporta mieghu.

Il-partijiet appena damu tmien xhur flimkien wara li zzewgu u l-konvenuta minghajr l-ebda pre-avviz sparixxiet minn hajjet l-attur.  Tali komportament f’temp daqstant qasir wara c-cerimonja taz-zwieg huwa evidenza illi l-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju b’tali mod li l-konvenuta ma kelliex il-kapacita’ li tevalwa serjamentfuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha.

Il-Qorti, wara li fliet bir-reqqa l-provi kollha migjuba, hija tal-fehma li l-kunsens tal-konvenuta fil-mument tac-celebrazzjoni taz-zwieg kien afflitt b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taz-zwieg ai termini tas-sub inciz (d) tal-artikolu 19 (1) tal Kap 255.

Stabbilit illi z-zwieg tal-partijiet huwa null ai termini tal-Artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 mhux mehtieg li tigi ezaminata l-kawzali fir-rigward tal-Artikolu 19 (1) (f) tal-Kap. 255.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tilqa’ t-talbiet attrici u tiddikjara li z-zwieg ta' bejn il-partijiet celebrat fit-23 ta' April 2011 huwa null ai termini tal-artikolu 19 (1) (d)  tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta assenti b’dan illi l-ispejjez tal-kuraturi deputati ghandhom jithallsu provvizorjament mill-attur.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------